# AVVIŻI

- Il-Kumitat 'Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni' javża li waqt il-Laqgħa li se ssir fil-5 ta' Ottubru, ser jiġu mressqa emendi għall-Istatut; fil-waqt li fil-Laqgħa tad-19 ta' Ottubru 1997 (it-Tnejn tal-Girgenti) ser issir il-Votazzjoni għall-Membri tal-Kumitat il-ġdid għas-snin 1997-1999.

  Kopji tal-Istatut, kif ukoll Applikazzjonijiet għall-elezzjoni jistgħu jinkisbu waqt il-laqgħat mill-Girgenti. Jekk taħsbu li għandu jkun hemm xi emendi għall-Istatut, għandkom twasslu dawn l-emendi tagħkom mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru 1997. L-ebda applikazzjoni ta' min ser joħroġ bħala Kandidat għall-elezzjoni, ma tiġi aċċettata wara t-8 ta' Ottubru 1997.

  Il-Kumitat ifakkar li l-membri tesserati **biss** jistgħu joħorġu Kandidati għall-elezzjoni, kif ukoll jivvotaw waqt l-imsemmija votazzjoni.

  Kull min hu bi ħsiebu li jivvota irid iġib it-Tessera miegħu.

- **Importanti ħafna** li tirrapportaw il-grazzji li taqilgħu bl-interċessjoni tal-Madonna u t-talb lil Ġuża Mifsud. Tinsewx li jeħtiġilna ċertifikat mit-tobba għall-fejqan ta' mard l-aktar jekk ikun mard serju.

  Tistgħu tirrapportaw il-grazzji maqlugħa lill-editur ta' dan il-fuljett jew tibgħatu n-numru tat-telefon tagħkom u l-indirizz biex l-editur ikun jista' jagħmel kuntatt magħkom

L-indirizz tal-editur hu:
Bro. Victor Privitera
Stella Maris College
Gżira GZR 04

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 32 OTTUBRU 1997 JITQASSAM BLA ĦLAS



## ĠUŻA MIFSUD TAQLAGĦLNA L-GRAZZJI

Huwa pjaċir kbir għalina lkoll, meta nisimgħu li devoti tal-Madonna qalgħu grazzji bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud, tas-Siġġiewi (jew tal-Girgenti, kif ħafna jsejħulha). Waqt li kienet ħajja, kemm-il darba qalgħet grazzji bit-talb tagħha mill-Madonna. Spiss kienet thoss li l-grazzja kienet se tinqala' u għalhekk kienet tagħmel kuraġġ lil min kien imġarrab.

Minbarra l-fejqan tal-ġisem ħafna qalgħu grazzji ta' serħan fir-ruħ, sliem li qatt ma kellhom qabel ma marru jkellmuha, u konverżjoni shiħa għall-prattika tar-reliġjon u għaċ-ċaħda tad-dagħa li kienu jgħidu. Min jaf kemm sewwiet mibgħeda u firda fost membri ta' l-istess familja u ħelset nies minn suwiċidju wara li kienu fetħu qalbhom magħha!

Ġuża kienet tħoss tant ħniena għall-proxxmu! Hu għalhekk li kienet titlob lejl u nhar għal kulħadd. Kemm-il darba qaltilna: "Jiena qatt ma nitlob (fejqan) għalija!". Dejjem kien moħħha f'ħaddieħor.

U issa, li se tagħlaq sena li ħallietna, Ġuża tista' aktar minn qatt qabel, tidħol għalina quddiem Marija u Ġesù, li magħhom kellha tant kuntatti f'din id-dinja tul ħajjitha kollha.

Mela nitolbuha bil-qalb u fiduċja kbira biex dak li kienet tagħmel magħna meta kienet ħajja issa tagħmlu fis-Sema għall-glorja t'Alla u l-ġid ta' l-erwieħ.

## STQARRIJA TA' MONS. BUONTEMPO, LI NQRAT FIS-6 TA' LULJU 1997.

Kontra qalbi u qalb kull membru ieħor tal-Kumitat, inħasset il-ħtieġa li jingħata tagħrif dwar l-Istatwa ta' Kristu jbati li tellajna hawn fuq f'forma ta' pellegrinaġġ, nhar il-Ħadd, l-ewwel ta' Ġunju li għadda. Kulħadd jaf li kienet Ġuża Mifsud innifisha li xtaqet li titpoġġa f'dan il-post imbierek Statwa ta' Kristu jbati, għad-devozzjoni u qima ta' dawk kollha li jissieħbu magħna f'dawn il-laqgħat ta' Talb.

Wara li kienu għaddew xi erba' snin minn mindu ġiet ordnata għand l-iskultur magħruf Camilleri Cauchi, saflaħħar l-istatwa tlestiet, u għalkemm sabiħa ħafna u ngħoġbot ferm minn kulmin raha, irriżulta ċar ħafna li din l-imbierka statwa ma kinitx adattata biex tinżamm fil-beraħ għall-qilla tax-xemx fis-sajf u għall-ħalel tax-xita fix-xitwa. Għaldaqstant, il-Kumitat kollu, b'eċċezzjoni ta' wieħed biss, li llum ma għadux membru, iddeċieda li dik l-Istatwa titħalla ġewwa għall-kenn, u tinħareġ biss fil-Laqgħat organiżżati mill-Kumitat jew bil-permess tiegħu.

Għal din id-deċiżjoni għaqlija tal-Kumitat dak l-ex-membru, li kellu sehem kbir fl-eżekuzzjoni tax-xogħol ta' l-imsemmija statwa, mhux biss ma qagħadx kif kien obbligat jagħmel, imma b'mod arroganti u nġust tela' hawn fuq bil-lejl, meta ma kien hawn ħadd, u ħadha ma nafux fejn, u sal-lum baqa' ma ġibhiex lura, kif kien mistenni jagħmel wara twiddiba serja ta' l-istess Kumitat.

Ma jista' jkun hemm qatt ebda raġuni valida biex ġara dak li ġara. Aħna ma rridu xejn minn għandkom ħlief li fis-skiet u fil-ġabra tingħaqdu magħna fi spirtu ta' mħabba u maħfra, biex nitolbu flimkien lill-Mulej u lil Ommu Marija tal-Konsagrazzjoni, ħalli x-xewqa qaddisa tal-maħbuba Ġuża Mifsud isseħħ bla telf ta' żmien, u tibqa' fostna dik il-paċi tant mixtieqa, li kienet ħafna għal qalbha f'ħajjitha u żgur aktar illum li m'għadhiex magħna. Ġesù ta' l-Ewkaristija u s-Sinjura tal-Ħajja jberkuna!

Mons. Amante Buontempo
flimkien ma' Dun Nazzaren Tonna
u mal-Kumitat kollu.



## Messaġġ imħejji minn Ġuża Mifsud għax-Xahar ta' Novembru 1996

### It-Tieni Parti

Issa ħa nibdel ftit il-linja u nfaħħar ftit lill-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. Ġesù ta' l-Ewkaristija nirringrazzjak li dalgħodu ġejt għandi u qiegħed tagħtini dan l-imqaddes kliem u nirringrazzjak għal dak kollu li għamilt miegħi matul iż-żmien għax għamilt miegħi ħwejjeġ u ħwejjeġ l-aktar kbar. Tajtni grazzji kbar Mulej Ġesù permezz tat-tqarbin imqaddes biex il-messaġġ li qed tagħtini ta' l-Ewkaristija immexxih bil-qalb, immexxih bil-galbu għal ħaddieħor, biex inġiegħel lil min hawa fid-dnub ma jaqtax qalbu għaliex Inti qiegħed tittennieh bil-ħniena kollha meta jersaq lejk biex jirċevik sagramentat. Ta' dan Mulej Ġesù inroddlok ħajr u nirringrazzjak.

Issa ħa nirringrazzja lis-Sinjura tal-Ħajja għal dak kollu li marret tagħmel miegħi matul iż-żmien kollu ta' ħajti, illi għixt daqstant żmien kbir u twil li tahuli u silifuli l-kbir Alla l-Missier u komplieli l-Mulej Ġesù li minkejja dan il-mard li għandi fuqi tant inħoss sabar kbir li nieżel fuqi mis-sema....

Alla l-Missier, Alla qawwi, Alla mmortali, Ġesù tiegħi maħfra u ħniena għall-merti tal-pjagi mqaddsa tiegħek. Agħmel Mulej Ġesù illi dik il-passjoni u dawk it-tbatijiet illi Int batejt mat-toroq tal-Kalvarju fejn imbagħad ħajtek ġiet imneħħija fuq salib, ma tkunx għalxejn għal dawn in-nies.... U jien Ġesù ta' l-Ewkaristija inħobbok, nadurak, inqimek, nitolbok bil-qalb biex il-mard li għaddejja minnu f'dan il-wied tad-dmugħ tad-dinja ma jkunx għalxejn għalija. Noffrihom bl-imħabba għall-bżonnijiet tal-midinbin, għall-bżonnijiet tal-agonizzanti biex jagħmlu mewta tajba.

Issa ħa nitlob ftit għall-bżonnijiet tal-missjoni. Min għandu l-ġid, min għandu x'joffri għall-missjoni joffri. Jiena l-missjoni meta kont aħjar milli jiena u meta kien ikolli xi sold f'idejja kont noffrihulhom bis-sabar u bil-qalb u anka issa

tafux.... Għandna nitolbu ħafna għall-bżonnijiet tal-missjunarji biex ikomplu bil-qalb ixerrdu dak kollu illi Ġesù ġie fid-dinja għalih, ixerrdu l-evanġelju mqaddes Tiegħu. Jekk jista' jkun inkomplu nxerrdu dan l-evanġelju ma' l-erba' parti tad-dinja. Għandna nitolbu ħafna għall-bżonnijiet tal-missjunarji biex Alla jimliehom bl-imħabba u bil-kuraġġ ... ħalli lil dawk li huma 'l bogħod minn Alla jsiru ħaġa waħda, bħal aħwa u kulħadd jemmen fil-ħallieq tagħna, fil-Mulej tagħna, mbagħad jemmnu f'min fdiena, fi Kristu li fdiena u jrid iwassalna fil-mergħat ta' dejjem. Meta ngħaddu d-dinja u nkunu fil-grazzja t'Alla inkunu fil-mergħat ta' dejjem, bħal dawk in-ngħaġ li jkunu qegħdin ġo art għammiela, jieklu l-ħaxix aħdar u sabiħ u bnin u tajjeb. Aħna ma għandna xejn fid-dinja isbaħ u akbar minn ruħna.... Bit-tajjeb li nagħmlu nakkwistaw għar-ruħna dak il-post fis-sema pajjiżna....

Meta jkun hemm xi ruħ li tkun fl-abbandun tal-Mulej għax kienet riedet hi ... ma għandhiex għalfejn tibża iżjed fid-dinja, lanqas jekk ikun hemm xi ħadd li jagħmel għaliha bħalma jagħmlu għal dawn li jkunu qegħdin ixandru t-twemmin ta' Ġesù fl-evanġelju....

Għalhekk għandna nitolbu għal ħafna nies biex ikollhom fiduċja f'Ġesù ta' l-Ewkaristija u jikkonvertu, u meta jikkonvertu ma joqogħdux jibżgħu iżjed mill-għedewwa tagħhom għax imbagħad ħa jkun magħhom il-Missier Etern mis-sema....

Għandna nitolbu għall-ħajjin, għall-bżonnijiet tal-ħajjin biex il-ħajjin jersqu lejn il-Mulej u nitolbu għall-erwieħ tal-purgatorju. Min jaf kemm hemm erwieħ jaħasra fil-purgatorju li fid-dinja m'hemmx min jikkonkorri għalihom għax kulħadd spiċċa u miet. Allura naħsbu għalihom aħna bir-rużarju, ngħiduh għal dawk l-erwieħ li m'għandhomx min jaħseb fihom bit-talb. Nitolbu għall-erwieħ tas-saċerdoti, għall-erwieħ abbandunati u nitolbu lis-Sinjur Alla, lill-Mulej Ġesù biex jimlielna qalbna kollha grazzji u ferħ u glorja biex inkunu nistgħu nitolbu għal kulħadd, talb qawwi, talb kbir, talb spiritwali....

Mulej Alla ikollok ħniena mill-erwieħ tal-purgatorju, Mulej Ġesù ikollok ħniena mill-erwieħ tal-purgatorju. O Ġesù Sagramentat ikollok ħniena u anka karità mill-erwieħ tal-purgatorju, naqqsilhom dawk il-fjammi li qegħdin iħeġġu magħhom fil-purgatorju biex ikunu ppurifikati, biex jitilgħu fis-sema pajjiżhom għaliex fis-sema pajjiżna ma nistgħux inkunu mtebbgħin b'xi ħmieġ tad-dnub għax fis-sema pajjiżna hemm ħafna u ħafna affarijiet sbieħ.

Fl-ogħla grad hemm il-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, imbagħad ħa nsemmi lill-Mulej Ġesù u lill-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu juri l-ħniena tiegħu permezz tal-fidi illi jagħti lill-erwieħ fid-dinja biex kulħadd jersaq bi twemminu lejn il-maħbub Ġesù. Meta Ġesù kien fid-dinja lill-appostli wegħdhom li ħa jibgħatilhom l-Ispirtu t'Alla, l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu tal-Mulej, u dan l-Ispirtu wasal. Wasal



fuq il-knisja, wasal fuq l-appostli u wasal fuqna. Jiena fuqi qiegħed ħafna għax ngħidlu ħafna lill-Ispirtu s-Santu, "Grazzi Spirtu s-Santu Alla tal-kuraġġ u l-fidi kbira li qiegħed tagħmilli għalija u għal ħuti l-bnedmin kollha tad-dinja, kemm Maltin u Għawdxin u kemm barranin. Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa Tiegħek fuqi, ixħet il-ħarsa Tiegħek fuq il-bnedmin u fuq kull maħluq li hawn fid-dinja, twarrabx Idejk minna u żommna dejjem u tajjeb marbutin mal-volontà imqaddsa Tiegħek. U inti Omm tal-ħniena, Madonna tal-Konsagrazzjoni, kull bniedem għamlu fit-triq tal-providenza t'Alla, fit-triq tas-salvazzjoni u inti għażiża Madonna li qegħda f'dawk l-inħawi tal-Girgenti, agħmel lili u lil sħabi tal-Kumitat, lill-sħabi tal-Moviment ilkoll kuntenti. Is-Sinjura tal-Ħajja tridu li jikber il-Moviment, u għandna nkabbruh ħafna l-Moviment bit-tesseri, u bl-imħabba u bil-paċi li għandna nħossu lejn xulxin.

Għandha tinqata' kull mibegħda li għandna kemm f'Malta u kemm fid-dinja u għandna nħossu dik il-paċi li qed tagħtina Int Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija u inti Madonna li ridt tkun fl-inħawi tal-Girgenti. Agħtu l-paċi lilna Maltin u Għawdxin u barranin, tar-Russja, ta' l-Amerka, tal-Kanada, ta' l-Awstralja; li huma ftit 'il bogħod minna, qed nirreferi għal-Libjani, għat-Taljani. Nitolbu ħafna għal dawk l-inħawi li qegħdin qribna u dawk l-inħawi li qegħdin bogħod minna lil kbir Alla l-Missier, lil Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija flimkien ma l-Ispirtu s-Santu biex l-Ispirtu s-Santu jkompli jqawwi lil kulħadd bid-doni tiegħu u bil-fidi....

Issa ħa nsellmu waħda lis-sbejħa Madonna. "Insellmulek O sbejħa Madonna, insellmulek ward tal-ogħla ġmiel u kobor li hemm fil-Ġenna. Insellmulek għax il-kbir Mulej Ġesù minnek twieled u minnek għex. Għixilna, għażiża twajba Madonna ir-ruħ tagħna bil-grazzja t'Ibnek Ġesù, bl-ikla divina ta' l-Ewkaristija." Insellmulha bil-qalb lill-Madonna u ngħidulha, "Sliem għalik Marija ... Qaddisa Marija Omm Alla....

Issa naqgħu għal dik it-talba sabiħa li għallimna l-Mulej Ġesù meta kien fid-dinja. Ġesù qal, "Jiena ħa ngħallimkom titolbu hekk, 'Missierna li Inti fis-smewwiet'...."

## ITTRA MINN KORRISPONDENT

Għeżież devoti tal-Madonna tal-Girgenti,

Min jaf kemm haw li, fix-xahar għażiż tal-erwieħ, jiftakru b'għożża kbira u b'għafsa ta' qalb lil dawk li marru qabilhom. B'mod speċjali għandna niftakru fl-

għażiża oħtna Ġuża li, fix-xhur ta' qabel ma marret tiltaqa' ma' Ġesù u Marija, kienet tħeġġiġna inkabbru d-devozzjoni lejn l-erwieħ; dawk l-erwieħ ta' ommijietn, missiriejiet, aħwa u ulied, ħbieb u qraba. Kemm għandna għaliex nitolbu u ma niqfux nitolbu għal ruħhom!

Ma naħsbux li ma jisimgħuniex, għax min iħobb verament iħoss lil dawn l-għeżież madwaru, bħal ma aħna inħossu li Ġuża Mifsud għadha magħna.

Għalhekk tajjeb li wieħed jiftakar li f'dan ix-xahar (u dejjem) jagħmlilhom il-quddies, iżurhom fiċ-ċimiterju u anke jqegħdilhom xi fjuri fuq il-qabar. Imma fuq kollox niftakru fil-kliem, it-tagħlim li ħallewlna għax b'hekk biss nuruhom kemm verament nirrispettawhom; u biex is-sagrifiċċi tagħhom ma jkkunux għalxejn.

Irrid ukoll infakkar lil dawk li għad għandhom l-għeżież ġenituri ħajjin u li għadhom igawdu mill-imħabba tagħhom, biex jgħożżuhom għax min tilifhom, jew tilef xi persuna għażiża għalih, jaf kemm jixtieq li, forsi, qatt ma qal lilhom dik il-kelma żejda jew nieqsa.

Mela nitolbu għall-erwieħ tal-Purgatorju biex huma wkoll jidħlu għalina; speċjalment lil Ġuża Mifsud, biex ittina s-saħħa biex nibqgħu inkomplu dak li bdiet, flimkien ma' Marija biex inxandru u nkabbru il-qima lejn Ġesù Ewkaristija u l-Qalb ta' Marija. Ma ninsewx nitolbu b'mod speċjali għall-erwieħ tas-Saċerdoti.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

1. Is-Sinjura Marthese Vella li toqgħod il-Kanada, bagħtet ittra twila lil Dr. Sylvana Spitei, Segretarja tal-Kumitat Madonna tal-Konsagrazzjoni, li minnha ħadna xi siltiet li fihom tirrakkonta għadd ta' grazzji li qalgħet mill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u d-devozzjoni li għandha lejha.

Hi qaltilha kif f'1992 kienet żaret għall-ewwel darba il-Girgenti waqt laqgħa ta' talb. Meta reġgħet ġiet Malta fil-1996, hija reġgħet marret il-Girgenti għall-laqgħa u ħadet xi ritratti. Meta żviluppat il-film, fir-ritratt tal-Madonna deher dell abjad fuq il-ħajt ta' warajha, jirrappreżenta il-Madonna bil-Bambin f'idejha u mhux ix-xbieha tal-Istatwa tal-Madonna tal-Girgenti. Ta' dan ir-ritratt bagħtet kopja lill-Arċisqof.

Fl-4 ta' Awissu, waqt li ħadet b'idejn Ġuża Mifsud u tatha kopja tar-ritratt, hija ħasset bħal shana tiela' mill-polz tal-lemin għal ġol-minkeb. Tirrakkonta wkoll kif fil-15 ta' Awissu, jum l-Assunta, hija rat dehra mhux tas-soltu fix-xemx, u dan ġara waqt li Ġuża kienet qed tgħid xi talb.

Is-Sinjura Vella tkompli tgħid fl-ittra tagħha, kif fil-21 ta' Awissu, meta ħallew Malta għall-Kanada, u kienu għadhom fir-runway ta' Heathrow, Londra, fuq B.A. Flight No. 093 747, kien hemm tensjoni kbira minħabba li x'aktarx kien qed isir



'*hijack*' fuq l-ajruplan.

Hija talbet ħafna lill-Madonna u qalet żewġ posti rużarju fuq dak ir-ritratt mirakoluż li dejjem kienet tieħu magħha. Il-passiġġieri ġew meħlusa minn dak l-attentat.

Kellha wkoll fejqan mill-katarretti u mill-arthritis u fejqan sħiħ mill-mard tal-għadam. Ħelset mingħajr ebda girfa, minn żewġ waqgħat li kellha fuq is-silġ u li kienu perikolużi.

Is-Sinjura Vella xtaqet ixxandar dan kollu mhux għal min hu xettiku imma għal min jemmen fil-Madonna. Qalet ukoll li għandha d-dokumenti l-oħra tal-Grazzji Maqlugħa. Mrs Vella stqarret li qiegħda tgawdi mill-paċi tal-qalb, u li dik hija l-aktar ħaġa importanti.

2. Ċerta Ġuża Mifsud minn Ħal Qormi, bagħtet dan ir-rapport:

Ġuża kellha sieqha tuġagħha u ma setgħetx timxi. Marret għand il-Professur li qalilha li dak li għandha ifiqilha bil-mistrieħ. Xi xahar ilu, (f'Lulju 1997), mal-uġigħ ta' sieqha qabadha ukoll uġigħ f'rasha u bdiet tibża'. Ftakret f'Ġuża Mifsud tal-Girgenti li tagħha kellha santa tifkira tal-mewt tagħha. Talbitha tidħol għaliha quddiem il-Madonna, u taqlagħlha l-fejqan. U hekk ġara! Illum Ġuża ta' Ħal Qormi, tista' timxi mingħajr uġigħ wara li talbet ħafna lil Ġuża tal-Girgenti.

Għalhekk hi tirringrazzja kemm lill-Madonna u kemm lil Ġuża Mifsud tal-Girgenti, għall-grazzja kbira li qalgħet.

3. Mrs. M. Cini minn Paola, bagħtet kontribuzzjoni ta' flus biex iservu għal l-propoganda tad-devozzjoni lejn il-madonna tal-Konsagrazzjoni għax permezz tar-rużarju tagħha, hi irċeviet grazzja kbira mingħandha.

Peress li hi ma tistax tattendi għal-laqgħat tal-Girgenti, tixtieq li jsir talb għall-bżonnijiet tagħha.

4. Mr. Reuben Vella, minn Ħaż-Żabbar, jirringrazzja lil Alla u lill-Madonna, għall-grazzja li qala' permezz ta' Ġuża Mifusd tal-Girgenti. Hu talabha għax kellu fidi kbira fiha u veru seħħ dak li talabha. Il-grazzja li qala' kienet, li wara li kien għamel l-istess eżami għal sitt darbiet, jew aktar mingħajr suċċess, din id-darba meta ħareġ ir-riżultat, sema' li sħabu ma għaddewx u hu għadda; dan żgur miraklu kbir, għax mingħajr l-għajnuna ta' Ġuża Mifsud ma kienx sejjer jgħaddi, qal hu.

Talab biex jintbagħtlulu mitt santa ta' Ġuża biex iqassamhom bħala ringrazzjament.

N.B. Mrs. Violet Vella minn Santa Venera tixtieq li jsir talb għaliha għax għandha bżonn taqla' grazzja mingħand il-Madonna.

Tibgħat isselli għal dawk kollha li jaħdmu għall-Moviment.